

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

19.10.2007

PE396.572v01-00

EMENDI 1-37

Abbozz ta' Opinjoni

(PE394.073v01-00)

Yiannakis Matsis

Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed
(2007/2101(INI))

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 1
Paragrafu 1

1. Jinnota li l-inizjattiva Sinerġija tal-Baħar l-Iswed hija mibnija fuq tliet strateġiji li jikkonċernaw ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, li huma t-tkabbir lejn ix-xlokk ta' l-Ewropa u t-Turkija, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-erba' spazji komuni UE/Russja; jiddispaċih, madankollu, li r-relazzjonijiet bilaterali jiddominaw f'kull waħda minn dawn l-istrateġiji, ***u jitlob li jiġi żviluppata qafas multilaterali għall-koperazzjoni li jsahha is-sinerġija reġjonali;***

Or. en

Emenda mressqa minn Maria Petre

Emenda 2
Paragrafu 1

1. Jinnota li l-inizjattiva Sinerġija tal-Baħar l-Iswed hija mibnija fuq tliet strateġiji li jikkonċernaw ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, li huma t-tkabbir lejn ix-xlokk ta' l-Ewropa u t-Turkija, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-erba' spazji komuni UE/Russja; jiddispaċih, madankollu, li r-relazzjonijiet bilaterali jiddominaw f'kull waħda minn dawn l-istrateġiji, ***u jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata dimensjoni ta' koperazzjoni reġjonali għall-***

AM\690622MT.doc

PE396.572v01-00

Baħar l-Iswed;

Or. ro

Emenda mressqa minn Evgeni Kirilov

Emenda 3
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Jenfasizza l-importanza li jiġi applikat l-approċċ tal-politika reġjonali ta' l-UE fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed bħala għodda sinifikanti li biha jiġi stimulat l-iżvilupp demokratiku, soċjali u ekonomiku tal-pajjiżi f'dan ir-reġjun u tal-koperazzjoni transkonfinali bejniethom;

Or. en

Emenda mressqa minn Maria Petre

Emenda 4
Paragrafu 2

2. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament mill-UE għal proġetti ta' żvilupp reġjonali, u japprova l-irduppar tar-riżorsi finanzjarji li huma disponibbli fl-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija għall-iffinanzjar ta' proġetti transkonfinali u jstieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi u l-progress li sar, permezz ta' rapporti qosra li jsiru darbtejn fis-sena;

Or. ro

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 5
Paragrafu 2

2. Japprova l-irduppar tar-riżorsi finanzjarji li huma disponibbli fl-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija għall-iffinanzjar ta' proġetti transkonfinali; **jitlob li l-prinċipji li jirregolaw il-Fondi Strutturali, b'mod partikolari s-sħubiji, is-sostenibilità, l-effiċjenza, in-non-diskriminazzjoni u d-deċentralizzazzjoni, jiġu applikati wkoll għall-użu ta' dawn ir-riżorsi finanzjarji;** jstieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi u l-progress li sar, permezz ta' rapporti qosra li jsiru darbtejn fis-sena

Or. de

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 6
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Ifakkar li aktar koperazzjoni bejn il-pajjiżi li huma qrib il-Baħar l-Iswed ikollha effett pożittiv fuq l-iżvilupp ta' l-irħula, l-ibliet u r-regġuni ta' dawk l-istati u għandha għaldaqstant tiġi appoġġjata u inkoraġġata aktar;

Or. en

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 7
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koperazzjoni ma' l-Istati benefiċjarji, tistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rappurtar qabel ma jiġu żburżati r-riżorsi, sabiex jiġi mmoniterjat u evalwat kemm huwa sostenibbli u effiċjenti l-użu ta' dawk ir-riżorsi;

Or. de

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 8
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Jitlob li l-istrumenti finanzjarji Komunitarji jiġu użati b'mod razzjonali permezz ta' koordinazzjoni aħjar ta' l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija, il-Fondi Strutturali u l-fondi ta' qabel l-adeżjoni li huma disponibbli għar-regġun;

Or. en

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 9
Paragrafu 2 b (ġdid)

2b. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istrument finanzjarju Fondi għal Proġetti Żgħar disponibbli għal proġetti bejn il-popli fil-qasam tal-koperazzjoni transkonfinali, u biex tagħmel sforzi speċjali biex tinkoraġġixxi l-użu ta' dak l-istrument;

Or. de

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 10

Paragrafu 2 b (ġdid)

2b. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi msaħħaħ il-bini tal-kapaċità fost il-partijiet interessati lokali u reġjonali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed fir-rigward tal-programmazzjoni u l-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti ta' l-istrumenti finanzjarji Komunitarji;

Or. en

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 11

Paragrafu 2 c (ġdid)

2c. Iħeġġeġ biex l-użu tar-riżorsi finanzjarji ma jkunx f'kunflitt ma' l-oġettivi tal-politiki ta' l-UE;

Or. de

Emenda mressqa minn Evgeni Kirilov

Emenda 12

Paragrafu 3

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex **isaħħaħ** ir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) u ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra involuti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, **u biex tipproponi mekkaniżmu aktar konkret għall-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u dawn l-organizzazzjonijiet**, speċjalment issa li tliet Stati Membri ta' l-Unjoni huma membri wkoll tal-BSEC u li Stati oħra tal-Baħar l-Iswed huma kandidati għal sħubija ma' l-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda mressqa minn Maria Petre

Emenda 13
Paragrafu 3

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) u ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra involuti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, ***u wkoll biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u t-taħwil tad-demokrazija sostenibbli (ma' organizzazzjonijiet bħall-Forum tal-Baħar l-Iswed)***, speċjalment issa li tliet Stati Membri ta' l-Unjoni huma membri wkoll tal-BSEC u li Stati oħra tal-Baħar l-Iswed huma kandidati għal sħubija ma' l-Unjoni Ewropea;

Or. ro

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 14
Paragrafu 3

3. ***Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) u ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra involuti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, speċjalment issa li, wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, tliet Stati Membri ta' l-Unjoni huma membri wkoll tal-BSEC u li membri oħra tal-BSEC jew huma kandidati għal sħubija ma' l-Unjoni Ewropea jew huma involuti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) u fl-Inizjattiva tal-Programm Ewropew għall-Viċinat (ENPI);***

Or. en

Emenda mressqa minn Tunne Kelam

Emenda 15
Paragrafu 3

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) u ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra involuti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, speċjalment issa li tliet Stati Membri ta' l-Unjoni huma membri wkoll tal-BSEC, u li ***membri oħra tal-BSEC*** huma kandidati ***(it-Turkija) jew kandidati potenzjali (l-Albanija u s-Serbja)*** għal sħubija ma' l-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 16
Paragrafu 3

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) u ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra involuti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, speċjalment issa li tliet Stati Membri ta' l-Unjoni huma membri wkoll tal-BSEC u li Stati oħra tal-Baħar l-Iswed huma kandidati għal sħubija ma' l-Unjoni Ewropea; ***għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex tikkjarifika l-modi li bihom il-BSEC tista' tiġi involuta fid-diversi inzjattivi sponsorjati mill-Komunità fir-reġjun;***

Or. en

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 17
Paragrafu 3 a (ġdid)

- 3a. Jitlob li r-rabtiet eżistenti bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Parlamentari tal-BSEC jissaħħu u jiġu żviluppati aktar istituzzjonalment fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tas-sinerġija tal-Baħar l-Iswed;***

Or. de

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 18
Paragrafu 3 a (ġdid)

- 3a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi stati tal-Baħar l-Iswed li huma sħab biex flimkien jieħdu pussess ta' l-inizjattiva tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed billi jassoċjaw lill-partijiet interessati reġjonali fit-twaqqif tal-prijoritajiet tal-programm u fl-identifikazzjoni ta' proġetti fattibbli li huma ta' interess reċiproku u li x'aktarx ikollhom impatt reġjonali sinifikattiv;***

Or. en

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 19

Paragrafu 3 b (ġdid)

3b. Jenfasizza li l-pjattoformi għall-koperazzjoni transkonfinali bħall-Ewroreġjuni jista' jkollhom irwol essenzjali fit-teħid ta' azzjoni rigward sfidi komuni u fl-infurzar ta' sinerġiji reġjonali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed; f'dan il-kuntest, jilqa' l-inizjattiva ta' l-Ewroreġjun tal-Baħar l-Iswed u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-koperazzjoni mal-Kunsill sabiex tappoġġja l-istabbiliment u l-iżvilupp tiegħu;

Or. en

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 20

Paragrafu 3 b (ġdid)

3b. Jilqa' l-proposta li jitnaqqsu r-rekwiżiti għall-kisba ta' viża għar-Repubblika tal-Moldova; huwa ta' l-opinjoni li d-dħul legali fl-UE mill-Istati tal-Baħar l-Iswed ma għandux isir aktar diffiċli minħabba xkiel burokratiku u finanzjarju;

Or. de

Emenda mressqa minn Tunne Kelam

Emenda 21

Paragrafu 4

4. Jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja l-potenzjal kbir f'termini ta' riżorsi ta' l-enerġija u tal-possibilitajiet tat-trasport, ir-reġjun qed ibati minn kunflitti ffriżati, problemi ambjentali u kontrolli mhux adegwati tal-fruntieri, bir-risultat li qed titkattar il-kriminalità organizzata u l-immigrazzjoni illegali; **għalhekk jilqa' l-inizjattivi kollha li jħeġġu l-koperazzjoni transkonfinali f'dan ir-reġjun u jenfasizza l-bżonn għall-għajnuna tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) biex titjieb il-kapaċità teknika ta' dawn l-Istati biex jiġġieldu kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità organizzata u l-immodernizzar ta' l-infrastruttura tagħhom;**

Or. en

Emenda mressqa minn Maria Petre

Emenda 22
Paragrafu 4

4. Jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja l-potenzjal kbir f'termini ta' riżorsi ta' l-enerġija u tal-possibilitajiet tat-trasport, ir-reġjun qed ibati minn kunflitti ffriżati, **relazzjonijiet ta' kunflitt fi ħdan il-pajjiżi tiegħu**, problemi ambjentali u kontrolli mhux adegwati tal-fruntieri, bir-riżultat li qed titkattar il-kriminalità organizzata u l-immigrazzjoni illegali **u dawn iċ-ċirkostanzi kollha jgħid li xkiel prinċipali għall-iżvilupp tal-koperazzjoni fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed; jenfasizza l-importanza li tittieħed azzjoni dwar dawn il-problemi u l-bżonn għal aktar involviment attiv min-naħa ta' l-UE;**

Or. ro

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 23
Paragrafu 4

4. Jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja l-potenzjal kbir f'termini ta' riżorsi ta' l-enerġija u tal-possibilitajiet tat-trasport, ir-reġjun qed ibati minn (**tħassir**) problemi ambjentali, kontrolli mhux adegwati tal-fruntieri, u **f'xi żoni anki minn kunflitti ffriżati, li flimkien mhux biss idgħajfu l-prospetti ta' żvilupp fir-reġjun, iżda anki jwasslu għal livell akbar ta' kriminalità organizzata u immigrazzjoni illegali (tħassir);**

Or. en

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 24
Paragrafu 4

4. Jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja l-potenzjal kbir f'termini ta' riżorsi ta' l-enerġija u **għal sistema Ewropea ta' enerġija integrata għall-ġejjieni**, ir-reġjun qed ibati minn kunflitti ffriżati, problemi ambjentali u **prassi amministrattiva arbitrarja;**

Or. de

Emenda mressqa minn Grażyna Staniszevska

Emenda 25
Paragrafu 4

4. Jiddispijaċih għall-fatt li, minkejja l-potenzjal kbir f'termini ta' riżorsi ta' l-enerġija u tal-possibilitajiet tat-trasport, **xi partijiet tar-reġjun** qed **ibatu** minn kunflitti ffriżati, problemi ambjentali u minn kontrolli mhux adegwati tal-fruntieri, bir-riżultat li li qed titkattar il-kriminalità organizzata u l-immigrazzjoni illegali;

Or. pl

Emenda mressqa minn Gisela Kallenbach u Elisabeth Schroedter

Emenda 26
Paragrafu 4 a (ġdid)

- 4a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-miżuri biex jippromwovu s-setturi ta' l-enerġija u t-trasport jagħtu prijorità lir-rekwiżiti ta' l-enerġija effiċjenti, tal-ħarsien ta' l-ambjent u, b'mod partikolari tal-ħarsien tal-klima;**

Or. de

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 27
Paragrafu 5

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tistimula s-sinerġija tal-Baħar l-Iswed u jinnota li din l-istrateġija tista' tkun estiża lil hinn mir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-Baħar Kaspju u għall-Ażja Ċentrali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-involviment tagħha fi sforzi bilaterali **u b'mod partikolari multilaterali** biex tgħolli l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, biex jiġu żviluppati istituzzjonijiet demokratiċi fiż-żona u biex jiġu promossi t-treġġja tajba **u deċentralizzata** u l-istat tad-dritt; **iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaħdmu ma' l-awtoritajiet reġjonali tagħhom biex iżidu l-partekipazzjoni taċ-ċittadini u l-NGOs;**

Or. en

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva u Lambert van Nistelrooij

Emenda 28
Paragrafu 5

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tistimula s-sinerġija tal-Baħar l-Iswed u jinnota li din l-istrateġija tista' tkun estiża lil hinn mir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-Baħar Kaspju u għall-Ażja Ċentrali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-involvement tagħha fi sforzi bilaterali biex tgħolli l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, biex jiġu żviluppati istituzzjonijiet demokratiċi fiż-żona u biex jiġu promossi t-treġġija tajba u l-istat tad-dritt, ***bil-għan li tinholq żona vera ta' demokrazija u prosperità;***

Or. ro

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 29
Paragrafu 5 a (ġdid)

- 5a. Jenfasizza r-rabta bejn il-koperazzjoni interreġjonali, l-iżvilupp reġjonali, it-treġġija tajba, l-approċċ deċentralizzat, id-demokrazija, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-prosperità, u għalhekk ifakkar l-importanza ta' programmi attwali u inizjattivi li jżidu l-istabilità u t-tiġib fil-koperazzjoni fost l-Istati tar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed;***

Or. en

Emenda mressqa minn Maria Petre

Emenda 30
Paragrafu 6

6. Jifraħ bis-suċċess tal-Missjoni ta' Assistenza fuq il-fruntieri ta' l-UE għall-Moldova u għall-Ukraina, ***jirakkomanda t-tisħiħ ulterjuri tagħha*** u jistenna b'interess il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ***it-tiġib fl-immaniġġjar*** tal-migrazzjoni u l-immigrazzjoni illegali; jesprimi l-opinjoni li l-iżvilupp ekonomiku, is-sigurtà u l-istabilità huma l-elementi ewlenin għas-soluzzjoni ta' kunflitt iffriżat u li għandu jsir kull sforz possibbli f'dawn l-oqsma;

Or. ro

Emenda mressqa minn Grażyna Staniszevska

Emenda 31
Paragrafu 6

6. Jifraħ bis-suċċess tal-Missjoni ta' Assistenza fuq il-fruntieri ta' l-UE għall-Moldova u għall-Ukraina u jistenna b'interess il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni u l-immigrazzjoni illegali; jesprimi l-opinjoni li l-iżvilupp ekonomiku, is-sigurtà u l-istabilità **u d-djalogu politiku** huma l-elementi ewlenin għas-soluzzjoni ta' kunflitt iffriżat u li għandu jsir kull sforz possibbli f'dawn l-oqsma;

Or. pl

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 32
Paragrafu 6 a (ġdid)

- 6a. Iqis it-tniġġis ambjentali tal-Baħar l-Iswed bħala xkiel kbir għall-iżvilupp fir-reġjun, u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tapplika l-approċċ tat-Task Force DABLAS (għad-Danubju u l-Baħar l-Iswed) biex jissolvew il-problemi, b'attenzjoni partikolari mhux biss għad-Danubju iżda anki għall-baċini tax-xmara Dniester u Dnieper;**

Or. en

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 33
Paragrafu 6 a (ġdid)

- 6a. Jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' proġetti reġjonali fiż-żoni ta' interess komuni jistgħu iżidu l-kunfidenza reċiproka fost l-imsieħba u jwasslu għal progress lejn is-soluzzjoni tal-kunflitti;**

Or. en

Emenda mressqa minn Tiberiu Bărbulețiu

Emenda 34
Paragrafu 7

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha mal-fornituri ta' l-enerġija u biex tkompli bid-djalogu promettenti dwar is-sigurtà ta' l-enerġija, u b'hekk tippromwovi l-armonizzazzjoni legali u regolatorja **u l-iżvilupp sostenibbli**

permezz ta' l-inizjattiva BAKU (djalogu dwar l-enerġija bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed, tal-Baħar Kaspju u tal-ġirien tagħhom) u d-Djalogu dwar l-Enerġija bejn l-UE u r-Russja;

Or. pl

Emenda mressqa minn Maria Petre

Emenda 35
Paragrafu 7

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex issaħħa ir-relazzjonijiet tagħha mal-fornituri ta' l-enerġija u biex tkompli bid-djalogu promettenti dwar is-sigurtà ta' l-enerġija, u b'hekk tippromwovi ***d-diversifikazzjoni ta' l-enerġija u*** l-armonizzazzjoni legali u regolatorja permezz ta' l-inizjattiva BAKU (djalogu dwar l-enerġija bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed, tal-Baħar Kaspju u tal-ġirien tiegħu) u d-Djalogu dwar l-Enerġija bejn l-UE u r-Russja;

Or. ro

Emenda mressqa minn Rumiana Jeleva, Lambert van Nistelrooij

Emenda 36
Paragrafu 7 a (ġdid)

- 7a. Ifakkar l-irwol importanti ta' infrastruttura funzjonali għal żvilupp xieraq tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, u għalhekk jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tkompli tappoġġja l-koperazzjoni tat-trasport reġjonali, li għandha twassal għal rotot aħjar u toroq imtejba, kif ukoll għal organizzazzjoni u superviżjoni aktar effiċjenti tal-passaġġi ta' l-ilma;***

Or. en

Emenda mressqa minn Nikolaos Vakalis

Emenda 37
Paragrafu 8

8. Jilqa' l-iżvilupp tal-kuritur ta' l-enerġija strateġiku ġdid Trans-Kaspju - Baħar l-Iswed, ***il-linja ta' pajpijiet ġdida għall-gass naturali ppjanata li tgħaqqad ir-Russja, il-Greċja u l-Italja (South Stream) u l-finalizzazzjoni tal-linja ta' pajpijiet għall-gass naturali li tgħaqqad it-Turkija, il-Greċja u l-Italja, kif ukoll l-estensjoni progressiva tat-Trattat tal-Komunità dwar l-Enerġija għat-Turkija, il-Moldova u l-Ukraina.***

Or. el

